Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 221 :: OTTUBRU, 2014

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

## IL-LAQGĦA T'AWWISSU



Nhar il-Ġimgħa, 29 t'Awwissu kellna l-laqgħa ta' kull xahar li għaliha attendew numru sew ta' membri. Ħafna minn dawk li attendew qraw xi xogħol tagħhom jew ta' awturi oħra. Is-Segretarja, Rosemary Attard u r-raġel tagħa, Charles, tkellmu fuq il-mawra tagħhom f'Malta u fuq laqgħat li kellhom x'jaqsmu mal-letteratura Maltija, fosthom ma' Patrick Sammut, u intervisti li kellhom ma' Josephine Zammit Cordina u Charles Coleiro. **Fir-ritratt, fuq wara, mix-xellug għal-lemin: Paul Vella, Charles Attard, Alfred Xuereb, Joe Lofaro, Frank Bonett, Michael Xuereb, Ray Anastasi. Fuq quddiem, mix-xellug għal-lemin: Salvina Vella, Rosemary Attard, Marie Louise Anastasi, Dr Victor Sammut, Rose Lofaro u Tony Spiteri.**

## IMXI FTIT PASSI MIEGĦI **Għażla ta' poeżiji 1973-2013 ta' Joe Axiaq**




Wara aktar minn erbgħin sena jikteb u jippubblika l-poeżija u l-proża tiegħu f'rivisti, gazzetti u antoloġiji Maltin, Joe Axiaq qed jagħtina ġabra estensiva tal-versi tiegħu fil-ktieb, 'Imxi ftit passi miegħi'.

L-awtur jistqarr, 'Meta ġejt biex nagħżel il-poeżiji għal dan l-ewwel ktieb sħiħ ta' poeżiji tiegħi, sibt quddiemi mijiet ta' poeżiji, ħafna minnhom diġà ppubblikati. Kien diffiċli biex inkun selettiv. Għaddew aktar minn erbgħin sena mindu ktibt l-ewwel versi tiegħi bil-Malti. Sa minn meta kont fil-klassijiet tal-iskola primarja, kont nissaħħar bil-poeżiji fil-kotba Ġabra ta' Ward u kont nitgħal-limhom bl-amment. Il-poeżija baqgħet dejjem miegħi'.

Joe Axiaq, magħruf fl-Awstralja għax-xandir bil-Malti fuq SBS Radio huwa awtur ukoll ta' bosta novelli, artikli fuq sfond storiku u kulturali ta' żmien tfulitu f'Għawdex u r-riċerka li għamel dwar il-Maltin fl-Awstralja, speċjalment dwar il-filosfu, kittieb u edukatur, Dr Joe Abela.

Informazzjoni dwar il-ktieb: Titlu: Imxi ftit passi miegħi. Awtur: Joe Axiaq. Data tal-pubblikazzjoni: 2014. Paġni: 88 ISBN: 88 414 138 073 — Jinkiseb mill-awtur **joaxiaq@bigpond.net.au**

## Li kont...

Li kont kamaleonte
kont nibdel il-kuluri
skont kif jaqbilli.
Li kont pagun
kont niftaħ denbi,
niftaħar b'rixi.
Li kont iljun
kont naħtaf il-priża l-aktar faċli.
Li kont farfett,
intir minn warda għal oħra
sa ma nsib l-isbaħ waħda.
Li kont bħal ward innifsu,
infuħ,
u b'ilwieni sbieħ
nipprova nintgħoġob.
Imma jien,
bħal ramla f'deżert.
Bħal poeta anonimu,
eremit,
iħażżeż il-versi b'sebgħu fl-arja .
Bħal astronawta,
jgħajjat ġo vakuum,
u jimraħ fl-univers
mitluf fil-kobor tal-infinit.

***Omar Seguna***

## LESSER USED LANGUAGES OF EUROPE

Fis-sensiela internazzjonali ta' kotba *Lesser Used Languages of Europe* (maħruġa minn Francis Boutle Publishers ta' Londra – email: info@francisboutle.co.uk), is-sivolum huwa *This Fair Land – An Anthology of Maltese Literature*, editjat minn Charles Briffa b'daħla minn Oliver Friggieri (editur tas-sensiela: Alan M. Kent, 2014 – ISBN 978 1 903427873), 525 pp. Din l-antoloġija, li għadha kemm ħarġet issa f'Awwissu, turi l-iżvilupp tal-moħħ Malti matul iż-żminijiet u għaldaqstant tiċċelebra l-isforzi intellettwali tal-Maltin.

Hija ġabra komprensiva ta' madwar 200 test bil-Malti akkumpanjati minn traduzzjonijiet friski bl-Ingliż. Mill-għajdut orali tas-sekli mgħoddija u l-ftit kitbiet bikrin bil-Malti, sal-esperimenti u t-taħbit biex il-Malti jibqa' ħaj tas-sekli tmintax u dsatax, u l-kisbiet kbar fil-kitba bil-Malti tas-sekli għoxrin u wieħed u għoxrin, *This Fair Land* jesplora l-isforzi ta' kittieba individwali u joffri ġrajja ċara tal-atmosfera storika wiesgħa li sawret l-espressjoni miktuba. Poeżija, proża, drama, kitba reliġjuża, artikli ġurnalistiċi, testi storiċi, siltiet xjentifiċi, espożizzjonijiet kulturali – kollha juru l-evoluzzjoni tal-lingwa li għal sekli sħaħ kienet imwarrba mill-ħakkiema barranin u mill-Maltin tal-klassijiet għolja, imma baqgħet ħajja bis-saħħa u r-rieda tal-Maltin il-baxxi ta' bla edukazzjoni.

Il-kitbiet bil-Malti magħżula u t-traduzzjonijiet friski bl-Ingliż juru l-moħħ Malti fi żminijiet differenti u juru x'kellu ħila jikseb dan l-ilsien minkejja l-iżvantaġġi politiċi u ideoloġiċi li kienu joħonquh. Din il-ġrajja tal-Malti (l-unika lingwa Semitika indiġena li għandha l-Ewropa) qed tixxandar mad-dinja kollha f'sensiela internazzjonali li tqabbilha ma' lingwi maħqura oħra.

***Grazzi lil Prof. Charles Briffa, għal dan it-tagħrif***

# PREŻENZA — *INTI TEMMEN FIL-ĦARES?*

Dan huwa rakkont interessanti u mingħajr ħafna kumplikazzjonijiet żejda, iżda fl-istess waqt joffri element qawwi ta' kurżità u misteru, minħabba li huwa mħawwar b'*ħares* partikolari.

Ta' tnax-il sena, Timmy jkollu jibda jmur joqgħod man-nanna f'dar antika mimlija kmamar u kurituri mudlama, garigori dojoq, għamara żżaqżaq, xelters tal-gwerra u bjar li jinfdu. Bil-mod il-mod, huwa jibda għaddej minn esperjenzi kemxejn strambi li mhux daqshekk faċli li jirrakkuntahom lil xi ħadd, lanqas lin-nanna stess. Lil Timmy, in-nanna tkun tħobbu b'imħabba speċjali, minħabba li kien ifakkarha f'xi ħadd għażiż li kienet tilfet ħafna snin qabel. Biss, meta darba minnhom jintebaħ li l-id ta' xi setgħa misterjuża tkun salvatu minn inċident gravi, jirrealizza li f'dik id-dar, *żgur* li ma kinux waħedhom, u għalhekk jiddeċiedi li jiftaħ qalbu man-nanna.

Hawnhekk, is-sitwazzjoni tikkomplika ftit ruħha, għaliex in-nanna Marija ma tkunx tista', proprjament ma jkunx jaqblilha, li tikxef is-sigriet tal-ħares għal bosta raġunijiet. Iżda mill-ftit kliem li jirnexxilu jislet mingħand in-nanna, Timmy jinduna li dak li kien qed jissuspetta dwar xi 'preżenza' sopranaturali f'dik id-dar, kien kollu minnu.

Meta jikber, Timmy jiskopri li f'din il-familja, u proprju fid-dar tan-nanna, ħafna snin qabel kienet seħħet traġedja li ħalliet konsegwenzi koroh. Aktar milli wieħed jimmaġina, speċjalment minħabba li r-ruħ ta' omm ta' tfajjel ta' seba' snin li jkun għeb taħt ċirkustanzi misterjużi, tkun għadha ma tistax issib il-mistrieħ ta' dejjem. Imma xi jkun ġara?

Ħadd ma jkun jaf eżatt, la n-nanna u lanqas l-ispirtu li jkun baqa' jħuf fid-dar ifittex il-verità. Biss, donnu li dan il-ħares ikollu skop għal xiex ikun għażel li jibqa' "jħares" tant lil Timmy, anke meta jikber u jiżżewweġ. Tgħid għax ikun jaf li dan seta' jasal biex jiżvela l-verità; jasal biex jiskopri kif kienet seħħet it-traġedja ta' tant snin qabel; u forsi jasal ukoll biex sa fl-aħħar jirnexxilu jħoll l-irbit talkatina qalila, li kienet baqgħet iżżomm lir-ruħ ta' dik l-omm imnikkta, maqbuda bejn *hawn* u *hemm*?

Għax kif jgħid il-Malti, fl-aħħar iż-żejt jitla' f'wiċċ l-ilma. Ħaġa ġġib 'l oħra, u episodju jwassal għal ieħor, fl-aħħar ir-rakkont jilħaq il-milja tiegħu meta l-misto-qsijiet kollha ma jibqgħux aktar imkeffna fil-liżar tal-misteru.

Dan ir-rakkont, għalkemm serju u xi drabi jaf anke jkexkex, huwa mdakkar b'dak id-daqsxejn umoriżmu li għandu jġiegħel lill-qarrej jitbissem xi ftit ukoll. Għalhekk, l-istorja hija mżewqa b'karattri differenti li faċilment wieħed jista' jiltaqa' magħhom fl-irħula tagħna fil-ħajja ta' kuljum. Ir-rakkont jinkludi wkoll element ħafif ta' mħabba, li sawret parti miż-żgħożija tal-karattru prinċipali ma' tfajla nieqsa mis-smigħ.

L-istruttura tar-rakkont hija minsuġa minn kapitli qosra, miktubin fl-ewwel persuna. B'hekk, il-qarrej isibha aktar faċli li jidħol fl-*ispirtu* tal-istorja, jaċċetta l-karattri u jifhem il-ġrajja mingħajr diffikultà. Dan jagħmel il-ktieb aktar mexxej, u għaldaqstant iħajjar lill-qarrej ikompli jiskopri x'ser jiġri, birriżultat li jsibha aktar diffiċli li jitilqu minn idejh.

*Preżenza* huwa mmirat biex jolqot lil kulħadd, jiġifieri lil kull min irid jaqra storja li kapaċi żżommu bil-kurżità sal-aħħar. Importanti li wieħed jinnota wkoll li, minbarra l-elementi tal-istorja nfisha, ir-rakkont huwa mżejjen b'bosta idjomi, espressjonijiet, kif ukoll xi qwiel Maltin li aħna u nitħaddtu fil-ħajja ta' kuljum faċilment nistgħu nużawhom, jekk nixtiequ nitkellmu sewwa bil-Malti. B'hekk, minbarra li l-qari huwa aktar pjaċevoli, huwa wkoll ta' ġid letterarju għal min irid jaqra ktieb miktub b'Malti tajjeb.

*Dwar l-Awtur: Michael Cini twieled il-Ħamrun fl-20 ta' Lulju 1964, u trabba Ħal Balzan. Wara li temm l-edukazzjoni sekondarja u ħadem għal xi snin fil-qasam tat-turiżmu, daħal jaħdem bħala skrivan fis-Servizz Pubbliku. Huwa studja s-sengħa ta' Draughtsman u llum jokkupa l-kariga ta' Senior Principal. Matul il-karriera tiegħu, studja fl-Università ta' Malta fejn iggradwa fl-Amministrazzjoni Pubblika kif ukoll bħala Qarrej tal-Provi bil-Malti. Bħalissa qed jistudja l-lingwa Għarbija biex jifhem aħjar l-għeruq Semitiċi ta' lsien art twelidu. Huwa miżżewweġ lil Carmen, għandhom tifel jismu Nicolai, u joqogħdu l-Mosta.*

## *Ittri li nirċievu...*

Għażiż Paul, Grazzi tal-folju, kemm nistennieh. Nieħu pjaċir ħafna meta narah li daħal fil-kaxxa tal-ittri elettronici tiegħi għax inkun naf li għal dakinhar għandi ħin iddedikat għal xi ħaġa li tagħtini wisq hena: il-ħidma favur il-Malti. Nieħu gost wisq u nitpaxxa bl-entużjażmu li intkom turu lejn il-lingwa li tagħtina l-identita' tagħna. Nibgħat inselli għal kulħadd fil-grupp sabiħ li tinsabu fih! Tislijiet,
***Amanda Busutttil***

Għażiż Paul, Dawn l-erba' paġni ta'da' l-folju tal-Grupp Letteratura Maltija, jiswew daqs erba'mitt paġna u aktar bit-tagħrif siewi u l-letteratura fi ħdanhom. Nixxikhajr Paul. Ħabibek minn Malta.
***Mario Griscti.***

Paul, Prosit bħal dejjem ta' din il-ħarġa. Inkun nista' ntella' din il-ħarġa fil-paġna tal-Għaqda Poeti Maltin fuq facebook? Bħala ħbiberija bejn iz-zewġ għaqdiet u mal-Maltin fl-Awstralja.
Ħajr
***Omar Seguna***

*Grazzi taż-żewġ poeżiji li rċevejt — Paul*


State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

# IL-GRUPP LETTERATURA MALTIJA JORGANIZZA PROGRAMM MUŻIKO-LETTARARJU









**Nhar il-Ħadd, 28 ta' Settembru, il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria organizza Programm Mużiko-Letterarju, fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-2 pm. Madwar 50 mill-Komunita` Maltija attendew.**

Fost dawk preżenti kien hemm il-Konslu Ġenerali ta' Malta fil-Victoria, is-Sur Victor Grech; Dr Clemente Zammit u s-Sinjura Mary Zammit; il-Viċi-President tal-MCCV, is-Sur Gejtu Deguara u s-Sinjura Mary Deguara; u r-rappreżentant tal-Bank of Valletta fl-Awstralja, is-Sur George Portelli.

Wara d-daqq tal-Innu Malti u dak Awstraljan, il-Viċi-President tal-GLM, Marie Louise Anastasi tat merħba lil dawk preżenti u ntroduċiet lill-President tal-Grupp, Dr Victor Sammut, li ta l-messaġġ ta' merħba. Huwa qal lil dawk preżenti fuq ix-xogħol tal-Grupp u ħeġġiġhom biex jissieħbu mall-GLM. Spiċċa biex irringrazzja lill-kumitat u oħrajn, fosthom lil Rose Lofaro li tgħin ħafna fil-qari tal-provi kemm fil-folju ta' kull xahar kif ukoll fil-ktejjeb tal-Programm Mużuko-Letterarju.

Manwel Cassar kien l-ewwel li qara x-xogħol tiegħu, "Ċirku" u "Wiċċ Kristu". Wara smajna lil Josephine Cassar li qrat il-poeżija tagħha, "Iż-Żgħożija". Dr Victor Sammut qralna żewġ poeżiji tiegħu, "Id-Dnub ma Jorqodx" u "Terroriżmu".

U hawn kellna l-ewwel intervent mużikali minn Alfred Xuereb fuq is-Synthesiser, Joe Camilleri fuq il-perkussjoni u Joe Gauci fuq il-kitarra. Dawn tawna mużika Maltija li allegrat ħafna lil dawk preżenti.

Marie Louise Anastasi qrat il-poeżija tagħha, "Farfett" u poeżija ta' Publius Bugeja, "Ipokrita". Warajha smajna lil Paul Vella jaqra żewġ poeżiji tiegħu, "Ħarifa" u "Għidli, Ċkejkna!". Poeżija oħra ta' Josephine Cassar, "L-Infermermiera Żagħżugħa" inqrat mir-raġel tagħha, Manwel Cassar.

F'dan il-programm sar l-illanċjar tal-ktejjeb ta' poeżiji tal-membru tagħna, Laurie Armato li ħalliena ftit xhur ilu, miġbura minn Dr Clemente Zammit. L-illanċjar sar mis-Sur Victor Grech li tkellem fuq Laurie Armato u l-ħidma tiegħu fl-Ilsien Malti. Preżenti kien hemm ukoll in-neputi ta' Laurie Armato, John Galea. Kellna x-xorti li nisimgħu żewġ poeżiji ta' Laurie, moqrija minnu stess, "Warda Maltija" u "L-Ilsien li Bih Twelidt"









Wara intervent mużikali ieħor, kien hemm waqfien ta' 20 minuta fejn dawk preżenti kellhom iċ-ċans jieħdu kikkra te jew kafe`, kejks u gallettini.

Fit-tieni parti smajna lis-Sur Victor Grech jaqra poeżija, "L-Emigrant". Albert Agius qara l-poeżija tiegħu, "Għannej tax-Xewqa" li spiċċa jgħanni l-aħħar parti tagħha akkumpanjat mill-grupp mużikali.

Nazzarene Zerafa, ilu membru tal-Grupp għal ħafna snin għalkemm joqgħod Queensland. Dejjem jibgħat xi xogħol tiegħu u din is-sena il-poeżija tiegħu, "Tlift Kull Tama" inqrat mill-membru Rose Lofaro. Frank Bonett, li dejjem jistqarr li jirringrazzja lill-fundatur tal-Grupp, Dr Ġuże` Abela u lill-Grupp stess, għax dejjem ġie mħeġġeġ minnhom biex jitgħallem il-Malti u jiktbu, qralna żewġ poeżiji li kiteb hu stess, "Namrati" u "Il-Ħlewwa tan-Natura".

Hawn kellna sorpriża meta ċ-ċkejkna Charlotte Camilleri, ta' 4 snin, li tiġi n-neputija ta' Joe Camilleri tal-grupp mużikali, tatna "Il-Pupa Wisq Sabieħa", li għallmitielha n-nanna tagħha. Charlotte qalghat ħafna applaws.

Wara intervent mużikali ieħor, Ġużi Camilleri qralna x-xogħol tiegħu, "Kemm Kienu Għażżenin Ċensa u Rokku". Michael Xuereb qralna żewġ poeżiji tiegħu, "Niftakar" u "Bebbuxu". Il-poeżija ta' Joe Bonett (li kien Malta), "Lil Missieri", inqrat minnn Rosemary Attard.

L-aħħar żewġ poeżiji fil-programm, kitba ta' Baldass Armato, inqraw minn Ray Anastasi, "Amen" u "Bejn Waqt u Ieħor"

Wara li saru xi ringrazzjamenti lil dawk li taw l-għajnuna tagħhom biex dan il-programm ikun tas-suċċess li kien, speċjalment li Salvina Vella u Yvonne u Sam Caruana li ħadmu fil-kċina biex ippreparaw l-ikel għar-rinfreskanti, il-grupp mużikali tawna aktar mużika allegrija.

Imbagħad, kulħadd mar fil-foyer taċ-Ċentru fejn kien hemm te u kafe`, kejkijiet, pastizzi, pies u sausage rolls u affarijiet oħra.

Grazzi lill-Grupp Mużikali li ferrħu lil kulħadd u talli aċċettaw li jkunu magħna.





**RITRATTI: Xellug, minn fuq: Frank Bonett, Albert Agius, Joe Camilleri, Josephine Cassar, Manwel Cassar, Marie Louise Anastasi, Michael Xuereb. Lemin, minn fuq: Paul Vella, Ray Anastasi, Rose Lofaro, Rosemary Attard, Victor Grech, Dr Victor Sammu u John Galea li jigi n-neputi ta' Laurie Armato. TAĦT: Charlotte Anne Camilleri, tliet snin u nofs, li qrat "Għandi Pupa Wisq Sabieħa". Lemin (Fuq) Parti minn dawk li kienu preżenti. (Taħt) Il-Grupp Mużikali, fuq wara, Alfred Xuereb (*Synthesiser*), quddiem, Joe Gauci, (kitarra), Charlotte Ann Camilleri u n-nannu tagħha, Joe Camilleri fuq il-perkussjoni.**

# NIFTAKAR

Niftakar fl-imgħoddi mal-medda taż-żmien
niftakar f'żogħżiti, nilagħbu fil-ġnien
u nehdew f'armonija ta' xewqa bla tmiem
niftakar, fiż-żernieq ta' l-għodwa bikrija
xħin ma'sbieħ il-jum' qed nisma' lil ommi
ġod-dar, ħabrieka iddur,
tistenna lil tal-pitrolju, tal-ħobż u tal-ħut.

Niftakar x'ħin kont nara lil ommi
ħierġa bl-għonnella,
terħilha pass pass għall-quddies u
bil-qajla l-qajla sejrin magħha ftit nies.
Niftakar f'missieri, qed narah jagħlef
il-bhejjem b'daqsxejn ta' musbieħ, fil-maqjel
filgħodu u filgħaxija
kif niftakru minn dejjem.

Niftakar fil-bidwi, ġo ħabel
tas-saqwi, bl-ilma ħiereġ mil-ġiebja
għal ġol-kanali nieżel,
u s-swieqi jimtlew biex jiksirhom
għal ġol-ħmiemel.

Niftakar fil-għorfa tar-razzett
b'daqsxejn ta' lampa tal-pitrolju b'dawl inemnem
fil-għaxija u qabel is sebħ.
Niftakar kif konna ninġabru fuq l-għatba
tal-bieb, meta bil-mod ma' l-għabex il-lejl
jibda riesaq u hemm ingħidu
Ir-Rużarju fil-kwiet.
Niftakar f'dak ir-raġel, idur bis-sellum
biex jixgħel il-fanal tal-kantuniera
u minn wieħed għall-ieħor idur
u l-borma tal-minestra ittektek bil-mod
fuq kuċiniera ta' tlieta ixxommha mill-bogħod.
Kif mingħajr biża' biċ-ċwievet fil-bieb
ngħixu fil-kalma għax kont tafda lin-nies
u ħlief il-ħabbata, jew lejl bieb miftuħ
m'hemmx biża' li jidħlu jew tara xi ruħ.

Niftakar,
niftakar ġo dak il-ġmiel tal-widien,
fejn xi tifla tal-bidwi bil-merħla
qed tgħaddi ftit żmien,
u l-fwieħa tax-xagħri bis-sagħtar ifuħ
fejn tirrenja il-kalma
u sserraħ l-imħuħ.
Fis-setaħ tal-għorfa fid-dalma tal-lejl
inħares lejn is-sema xi kewkba jew tnejn
u meta f'xi ħolma noħlom bdak l-ambjent
ferħ inħoss ġo qalbi u nħossni kuntent.
Hekk kienet il ħajja
ta' żmien mingħajr drogi,
ta' paċi u fidi qawwija li żammejna fil-għoli.
U bil-progress tat-teknoloġija
avanzajna ħafna 'l quddiem
imma il-valur morali tal-ħajja,
tlifnieh kollu maż-żmien

**Michael Xuereb**
St Albans, Victoria 4 May 2014

**Il-laqgħa li tmiss tal-Grupp Letteratura Maltija fil-Victoria se tkun nhar il-Ġimgħa, 31 t'Ottubru, fil-Boardroom taċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Nisperaw li naraw ħafna mill-membri hemm. Ġibu lil tal-familja u lil ħbiebkom magħkom.**

# THE COMPLETE HISTORY OF EUROPE (MORE OR LESS)

Il-Jum Ewropew tal-Lingwi, imtella' mir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta b'kordinazzjoni tal-Għaqda tal-Malti – Università, ġie ċċelebrat f'Malta nhar is-Sibt, 27 ta' Settembru f'Bay Street, San Ġiljan. Matul il-ġurnata ġew iċċelebrati l-kulturi u l-lingwi mitkellma fl-Ewropa u lil hinn minnha minn bosta entitajiet permezz ta' stands imqassma fuq bosta sulari u attivitajiet, f'ħinijiet differenti, għal kulħadd. L-attivitajiet bdew mill-10am u sas-6pm.

L-attività aħħarija taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Jum Ewropew tal-Lingwi f'Malta, u l-qofol tal-ġurnata, kien l-ispettaklu *The Complete History of Europe (More or Less)* minn Malcolm Galea u Joseph Zammit *(More or Less Theatre)* li s-sena l-oħra ta pjaċir lil għexieren ta' nies waqt il-Festival ŻiguŻajg.

Matul din is-siegħa, il-par komiku uża bosta kostumi u props biex, b'enerġija u karizma unika, irrakkonta l-istorja tal-Ewropa fil-qosor b'mod umoristiku għall-aħħar. Bla dubju dan kollu jappella għaż-żgħar, li dejjem jistudjaw l-Istorja fil-konfini tal-klassi,u għall-kbar biex isiru jafu ftit aktar fuq il-kulturi ta' madwarna b'differenza.

L-ispettakluse kien b'xejn għal kulħadd u sar fis-sular t'isfel (Rotunda). Grazzi għal din l-attività, dan il-jum ingħalaq b'nota ħafifa imma fl-istess ħin edukattiva.

Il-kanzunetti li jidhru fil-paġna ewlenija tas-sit http://malti.skola.edu.mt/ inħadmu apposta biex it-tfal iż-żgħar ikantawhom fil-klassi.
Prosit tal-inizjattiva lill-Kunsill tal-Malti u lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni.
*Grazzi lil Joe Borg, Segretarju, Akkademja tal-Malti ghal dan it-tagħrif*

